MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2009

Numru. 48/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF-GRIMAUD**

**KONTRA**

**SHAWN MAMO ta’ 20 sena, iben Philip u Miriam nee’ Muscat, imwieled tal-Pieta’ nhar is-26 ta’ Ottubru, 1988, detentur tal-karta ta’ l-identita’ li ggib in-numru 508388M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **SHAWN MAMO** li gie akkuzat talli:

1. Fil-Belt Valletta nhar is-6 ta’ Dicembru, 2007 ghall-habta tas-sitta u nofs ta’ fil-ghaxija, ikkommetta serq ta’

diversi djamanti li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' €2,330(elf lira Maltin) valur totali ta' madwar €56,000 mill-fond Joseph Debono Jewelry sitwat fi Triq Santa Lucija, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin, u l-valur u li sar ghad-detriment tal-proprjetarju/i ta' l-istess fond;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Antoine Debono u lil Rita Vella kontra l-volonta' taghhom;

3. U kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu arma tan-nar u munizzjoni elenkati fl-Iskeda II ta' l-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kellu licenzja taht l-imsemmi Att dwar l-Armi, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 5(1) ta' l-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kien qieghed jaghmel delitt ta' serq, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew munizzjoni ta' arma regolari.

Rat l-akkuzi li fi stadju ta' interrogatorju rrisponda li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u cioe':

a. Fl-Artikolu 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263, 267, 270, 86, 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. L-Artikoli 5(1), 51(2), u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. L-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija dawn l-Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji fis-seduta ta' nhar l-24 ta' Frar, 2009;

Rat li fl-ahhar seduta qabel din tal-lum, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi nonostante l-ammissjoni minnu registrata tardivament, din il-Qorti xorta ghamlet valutazzjoni tal-provi prodotti. Shawn Mamo fl-istqarrija minnu rilaxxata, folio 14 – 16, DOK MM1, innega kwalunkwe nvolviment fir-serqa lilu addebitata mill-fond Joseph Debono Jewellery, ghalkemm ammetta li kien il-Belt. Anke ammetta li ghadda minn Triq Santa Lucija, it-triq tal-hanut imsemmi. Baqa’ dejjem neganti li hu kien ikkommetta s-serqa in dezamina.

Xehed Antoine Debono sid (jew ahjar wiehed mis-sidien) tal-hanut derubat Joseph Debono Jewellery. Kien hu, flimkien ma’ l-impjegata tieghu Rita Vella. Din Rita fil-fatt xehdet li dak li nsteraq kienu djamanti li kienu fuq traq u fuq panel injam u dawn kienu go plastic issigillati bil-karti ndividwalment (folio 30).

Minn naha tieghu Antoine Debono ddeskriva l-hold-up billi qal li waqt il-hold-up il-vetrina fejn kien hemm l-oggetti prezzjuzi fetahha l-agent tar-reat, kif ukoll li l-oggetti misruqa hadhom l-istess malvivent. Mistoqsi mill-Qorti fizikament il-persuna dahhlitx idejha go vetrina, Antoine Debono wiegeb ‘*Iva u ma kienx liebes ingwanti*’. (Folio 57).

Il-Qorti rriproduciet sintesi ta’ dawn iz-zewg deposizzjonijiet in vista’ tal-konkluzjoni li wasal ghaliha l-espert mahtur fl-inkjesta Joseph Mallia biex jaghmel ezami komparattiv. Fil-fatt fid-dokument immarkat DOK JM3 jirrizulta car li mpronta digitali ta’ Shawn Mamo nstabet fuq dokument 07 CPU202 car fuq zewg pockets tal-plastic b’label fuqhom elevati mill-vetrina tal-lemin hekk kif tidhol il-bieb principali mill-fond Joseph Debono Jewellers.

Ikkunsidrat:

Illi konsiderando dak kollu suriferit kif ukoll l-ammissjoni ta' l-imputat qieghda ssibu hati ai termini ta' l-Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263, 267, 270, 86, 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 5(1), 51(2), u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena rat il-fedina penali. Semghet fit-tul ix-xhieda tal-Probation Officer Mary Rose Farrugia, kif ukoll rapprezentant ta' l-agenziji appoziti biex Shawn Mamo jigi meghjun fil-problema li ghandu fl-abbuz tad-droga. Qieghda wkoll tiehu in konsiderazzjoni x-xhieda ta' PS 1211 Richard Zammit u tikkundanna lil Shawn Mamo ghal piena karcerarja ta' tlitt snin u nofs, b'dan illi taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Habs li huwa jinghata kull ghajnuna mehtiega, dejjem salv motivazzjonijiet tieghu, li jsegwi dak il-programm adatt biex johrog mill-problema suriferita.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundanna ihallas l-ispejjez peritali ammontati ghal seba' mija u tmienja u disghin Ewro, u sitta u tmenin Ewro centezmi(€789.86).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------